

Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

► **B**

**REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 7/2010**

**tat-22 ta' Diċembru 2009**

**li jiftaħ u jipprova għall-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2505/96**

(ĠU L 3, 7.1.2010, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
► <b><u>M1</u></b>	Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 565/2010 tad-29 ta' Ġunju 2010	L 163	2	30.6.2010
► <b><u>M2</u></b>	Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1264/2010 tal-20 ta' Diċembru 2010	L 347	1	31.12.2010
► <b><u>M3</u></b>	Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 630/2011 tal-21 ta' Ġunju 2011	L 170	1	30.6.2011
► <b><u>M4</u></b>	Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1359/2011 tad-19 ta' Diċembru 2011	L 341	11	22.12.2011
► <b><u>M5</u></b>	Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 551/2012 tal-21 ta' Ġunju 2012	L 166	3	27.6.2012
► <b><u>M6</u></b>	Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1231/2012 tas-17 ta' Diċembru 2012	L 350	1	20.12.2012



**REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 7/2010**

**tat-22 ta' Diċembru 2009**

**li jiftaħ u jipprovdi għall-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2505/96**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Il-produzzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' ċerti prodotti agrikoli u industrijali mhijiex biżżejjed biex tlaħħaq mal-ħtiġijiet speċifiċi tal-industriji li jagħmlu użu minnhom fl-Unjoni. Bħala konsegwenza, il-provvisti tal-Unjoni ta' dawn il-prodotti jiddipendu konsiderevolament fuq l-importazzjoni minn pajjiżi terzi. Ir-rekwiżiti l-aktar urġenti tal-Unjoni għal dawn il-prodotti kkonċernati għandhom jintlaħqu immedjatament fuq termini l-aktar favorevoli. Il-kwoti tariffarji tal-Unjoni b'rati ta' dazju preferenzjali għandhom għalhekk ikunu miftuħa fi ħdan il-limiti tal-volumi xierqa b'kunsiderazzjoni għall-ħtieġa li ma jkunux imfixxkla s-swieq ta' prodotti bħal dawn jew ikun ostakolat l-istabbiliment jew l-iżvilupp tal-produzzjoni tal-Unjoni.
- (2) Huwa neċessarju li jiġi żgurat, għall-impurtaturi kollha tal-Unjoni, l-aċċess ugwali u mingħajr waqfien għal dawk il-kwoti, u li tiġi żgurata l-applikazzjoni mhux interrotta tar-rati stipulati għall-kwoti tal-importazzjonijiet kollha fir-rigward tal-prodotti kkonċernati ġewwa l-Istati Membri kollha sa meta jkun għew eżawriti l-kwoti.
- (3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju<sup>(1)</sup> jipprevedi sistema ta' ġestjoni għall-kwoti tariffarji li ssegwi l-ordni kronoloġika tad-dati tal-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjonijiet tar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera. Il-kwoti tariffarji miftuħa b'dan ir-Regolament għandhom jiġu amministrati mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri b'konformità ma' dik is-sistema.

<sup>(1)</sup> ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1.

▼ B

- (4) Il-volumi tal-kwoti huma fil-biċċa l-kbira tagħhom espressi f'tunnellati Għal ċerti prodotti li għalihom infetħu kwoti tariffarji awtonomi l-volum tal-kwota ġie stipulat f'unità ta' kejl oħra. Fil-każ li l-ebda unità ta' kejl supplimentari ma ġiet stipulata għal dawk il-prodotti fin-Nomeklatura Magħquda stabbilita fl-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana <sup>(1)</sup>, jista' jkun hemm inċertezza fir-rigward tal-unità ta' kejl li għandha tintuża. Minħabba raġunijiet ta' ċarezza u fl-interess ta' ġestjoni tal-kwoti aħjar, huwa għalhekk neċessarju li jkun provdut li, sabiex jittieħed benefiċċju mill-kwoti tariffarji awtonomi msemmin, il-kwantità eżatta tal-prodotti importati tiġi inserita fid-dikjarazzjoni ta' rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa bl-użu tal-unità ta' kejl tal-ammont tal-kwota stabbilita għal dawk il-prodotti fl-Anness tar-Regolament.
- (5) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2505/96 tal-20 ta' Diċembru 1996 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji tal-Unjoni għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali <sup>(2)</sup> ġie emendat bosta drabi. Fl-interess tat-trasparenza għandu għalhekk jitħassar u jiġi sostitwit fl-intier tiegħu.
- (6) Il-miżuri neċessarji għall-adozzjoni ta' emendi f'dan ir-Regolament derivanti mill-emendi fin-Nomenklatura Magħquda u fil-kodiċi TARIC għandhom ikunu adottati b'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni <sup>(3)</sup>.
- (7) Ladarba l-kwoti tat-tariffi għandhom jidħlu fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2010, dan ir-Regolament għandu jibda japplika mill-istess data u jidħol fis-seħħ immedjatament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Għall-prodotti elenkati fl-Anness huma b'dan miftuħa kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni li fi hdnhom se jkunu sospiżi dazji tat-Tariffa Doganali Komuni għall-perjodi, bir-rati tad-dazju, u sal-volumi indikati fih.

*Artikolu 2*

Il-kwoti tat-tariffi msemmin fl-Artikolu 1 għandhom ikunu ġestiti mill-Kummissjoni skont l-Artikoli 308a, 308b u 308c tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93.

<sup>(1)</sup> ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 345, 31.12.1996, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.



### *Artikolu 3*

Fejn tiġi ppreżentata dikjarazzjoni ta' rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa fir-rigward ta' prodott imsemmi f'dan ir-Regolament, li għalih il-volum tal-kwota huwa espress f'unità ta' kejl diversa mill-piż f'tunnellati jew f'kilogrammi u diversa mill-valur, għal prodotti li għalihom l-ebda unità supplimentari ma għet stabbiltà fin-Nomenklatura Magħquda stabbiltà fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, il-kwantità eżatta tal-prodotti importati għandha tiddaħħal fil-“Kaxxa 41: Unitajiet supplimentari” ta' dik id-dikjarazzjoni bl-użu tal-unità ta' miżura tal-ammont tal-kwota għal dawk il-prodotti stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament

### *Artikolu 4*

L-emendi u l-adattazzjonijiet tekniċi derivanti mill-emendi fin-Nomenklatura Magħquda u fil-kodiċi TARIC għandhom ikunu adottati mill-Kummissjoni konformement mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 5(2).

### *Artikolu 5*

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi megħjuna mill-Kumitat ta' Kodiċi Doganali stabbilit bl-Artikolu 247a tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.
  2. Fejn isir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.
- Il-perjodu ta' żmien stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.

### *Artikolu 6*

Ir-Regolament (KE) Nru 2505/96 huwa b'dan imħassar.

### *Artikolu 7*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

## ▼ M6

## ANNEX

Numru tas-Serje	Kodiċi NM	TARIC	Deskrizzjoni	Perjodu tal-kwota	Volum tal-kwota	Dazju fuq il-kwota (%)
09.2849	ex 0710 80 69	10	Faqqiegħ tal-ispeċi <i>Auricularia polytricha</i> (mhux imsajjar jew imsajjar bil-fwar jew bit-tgħollija), iffriżat, għall-produzzjoni tal-ikliet ippreparati minn qabel <sup>(1)</sup> <sup>(2)</sup>	1.1.-31.12.	700 tunnellata	0 %
09.2913	ex 2401 10 35 ex 2401 10 70 ex 2401 10 95 ex 2401 10 95 ex 2401 10 95 ex 2401 20 35 ex 2401 20 70 ex 2401 20 95 ex 2401 20 95 ex 2401 20 95	91 10 11 21 91 91 10 11 21 91	Tabakk naturali mhux ipproċessat, kemm jekk imqatta' għal daqs regolari, kif ukoll jekk le, b'valur doganali ta' mhux anqas minn EUR 450 kull 100 kg piż nett, għall-użu bħala binder jew imballaġġ għall-manifattura ta' oġġetti li jaqgħu taħt is-subintestatura 2402 10 00 <sup>(1)</sup>	1.1.-31.12.	6 000 tunnellata	0 %
09.2928	ex 2811 22 00	40	Materjal tal-mili tas-silika, f'forma ta' granuli, b'kontenut minimu ta' diossidu tas-silikonju ta' 97 %	1.1.-31.12	1 700 tunnellata	0 %
09.2703	ex 2825 30 00	10	Ossidi u idrossidi tal-vanadju esklussivament għall-użu fil-liġi <sup>(1)</sup>	1.1.-31.12.	13 000 tunnellata	0 %
09.2806	ex 2825 90 40	30	Trijossidu tat-tangsten, inkluż ossidu tat-tangsten blu (CAS RN 1314-35-8 + 39318-18-8)	1.1.-31.12.	12 000 tunnellata	0 %
09.2929	2903 22 00		Trikloroetilene (CAS RN 79-01-6)	1.1.-31.12	10 000 tunnellata	0 %
09.2837	ex 2903 79 90	10	Bromoklorometan (CAS RN 74-97-5)	1.1.-31.12.	600 tunnellata	0 %
09.2933	ex 2903 99 90	30	1,3-Diklorobenżen (CAS RN 541-73-1)	1.1.-31.12.	2 600 tunnellata	0 %
09.2950	ex 2905 59 98	10	2-Kloroetanol, għall-manifattura ta' tjo-plasti likwidi tas-subintestatura 4002 99 90, (CAS RN 107-07-3) <sup>(1)</sup>	1.1.-31.12.	15 000 tunnellata	0 %
09.2851	ex 2907 12 00	10	O-Kreżol b'purezza ta' mhux anqas minn 98.5 % tal-piż (CAS RN 95-48-7)	1.1.-31.12.	20 000 tunnellata	0 %
09.2624	2912 42 00		Etilvanillin (3-etossi-4-idrossibenżaldeid), (CAS RN 121-32-4)	1.1.-31.12.	950 tunnellata	0 %
09.2638	ex 2915 21 00	10	Aċtu aċetiku ta' purità bil-piż ta' 99 % jew aktar (CAS RN 64-19-7)	1.1.-31.12.	1 000 000 tunnellata	0 %
09.2972	2915 24 00		Anidride aċetiku (CAS RN 108-24-7)	1.1.-31.12.	20 000 tunnellata	0 %
09.2769	ex 2917 13 90	10	Sebakat tad-dimetil (CAS RN 106-79-6)	1.1.-31.12.	1 300 tunnellata	0 %

## ▼M6

Numru tas-Serje	Kodiċi NM	TARIC	Deskrizzjoni	Perjodu tal-kwota	Volum tal-kwota	Dazju fuq il-kwota (%)
09.2634	ex 2917 19 90	40	Aċidu dodekanedjojku, ta' purità bil-piż ta' aktar minn 98,5 % (CAS RN 693-23-2)	1.1-31.12	4 600 tunnellata	0 %
09.2808	ex 2918 22 00	10	Aċtu o-aċetisaliċiliku (CAS RN 50-78-2)	1.1.-31.12.	120 tunnellata	0 %
09.2975	ex 2918 30 00	10	Dianidrid benżofenon-3,3',4,4'-tetrakarbossiliku (CAS RN 2421-28-5)	1.1.-31.12.	1 000 tunnellata	0 %
09.2632	ex 2921 22 00	10	Eksametilenediammina (CAS RN 124-09-4)	1.1.-31.12.	40 000 tunnellata	0 %
09.2602	ex 2921 51 19	10	o-Fenilenediammina (CAS RN 95-54-5)	1.1.-31.12.	1 800 tunnellata	0 %
09.2977	2926 10 00		Akronitril (CAS RN 107-13-1)	1.1.-31.12.	75 000 tunnellata	0 %
09.2917	ex 2930 90 13	90	Ċistina (CAS RN 56-89-3)	1.1.-31.12.	600 tunnellata	0 %
09.2603	ex 2930 90 99	79	Bis(3-tritossisililpropil)tetrasulfid (CAS RN 40372-72-3)	1.1-31.12	9 000 tunnellata	0 %
09.2810	2932 11 00		Tetraidrofuran (CAS RN 109-99-9)	1.1.-31.12.	20 000 tunnellata	0 %
09.2955	ex 2932 19 00	60	Flurtamon (ISO) (CAS RN 96525-23-4)	1.1.-31.12.	300 tunnellata	0 %
09.2812	ex 2932 20 90	77	Eżan-6-olidu (CAS RN 502-44-3)	1.1.-31.12.	4 000 tunnellata	0 %
09.2658	ex 2933 99 80	73	5-(aċetaċetilammiku)benzimidazolun (CAS RN 26576-46-5)	1.1-31.12	200 tunnellata	0 %
09.2945	ex 2940 00 00	20	D-Ksilożju (CAS RN 58-86-6)	1.1.-31.12.	400 tunnellata	0 %
09.2659	ex 3802 90 00	19	Trab tad-dijatomi kalċinat fil-fluss tas-soda	1.1-31.12	30 000 tunnellata	0 %
09.2908	ex 3804 00 00	10	Linjosulfonat tas-sodju	1.1.-31.12.	40 000 tunnellata	0 %
09.2889	3805 10 90		Turpentina tas-sulfat	1.1.-31.12.	25 000 tunnellata	0 %
09.2935	ex 3806 10 00	10	Rożin u aċidi tar-reżin miksuba minn oleoreżini friski	1.1.-31.12.	280 000 tunnellata	0 %
09.2814	ex 3815 90 90	76	Katalizzatur magħmul mid-dijossidu tat-titanju u t-trijossidu tat-tungstenu	1.1.-31.12.	3 000 tunnellata	0 %
09.2829	ex 3824 90 97	19	Estratt solidu ta' materjal residwu li ma jinħallx f'solventi alifatiċi miksuba matul l-estrazzjoni tar-resin mill-injam, li għandu l-karatteristiċi li ġejjin: — kontenut tal-aċidu tar-reżin li ma jaqbiżx it-30 % tal-piż, — numru tal-aċidu li ma jaqbiżx il-110, kif ukoll — punt tat-tidwib ta' 100 °C jew aktar	1.1.-31.12.	1 600 tunnellata	0 %

## ▼M6

Numru tas-Serje	Kodiċi NM	TARIC	Deskrizzjoni	Perjodu tal-kwota	Volum tal-kwota	Dazju fuq il-kwota (%)
09.2907	ex 3824 90 97	86	Taħlita ta' fitosteroli, fi trab, li fihom, bil-piż: — 75 % jew aktar ta steroli, — mhux aktar minn 25 % ta' stanoli għal użu fil-manifattura tal-istanoli/steroli jew tal-esteri tal-istanoli/steroli <sup>(1)</sup>	1.1.-31.12.	2 500 tunnellata	0 %
09.2644	ex 3824 90 97	96	Preparazzjoni li skont il-piż fiha: — 55 % jew aktar iżda mhux iżjed minn 78 % ta' gluterat tad-dimetil — 10 % jew aktar iżda mhux aktar minn 28 % ta' adipat dimetiliku u — mhux aktar minn 25 % ta' suċċinat tad-dimetil	1.1-30.6.2013	7 500 tunnellata	0 %
09.2140	ex 3824 90 97	98	Taħlita ta' ammini terzjarji li fihom, skont il-piż: — 2,0-4,0 % ta' N,N-dimetil-1-ottanammina — mhux anqas minn 94 % N,N-dimetil-1-dekanammina — massimu ta' 2 % N,N-dimetil-1-dodekanammina	1.1.-31.12.	4 500 tunnellata	0 %
09.2660	ex 3902 30 00	96	Kopolimer tal-etilen-propilen, b'viskożità tat-tidwib mhux aktar minn 1 700 mPa waqt 190 °C, kif iddeterminata bil-metodu ASTM D 3236	1.1-31.12	500 tunnellata	0 %
09.2639	3905 30 00		Poli(alkoħol tal-vinil), kemm jekk fih gruppi ta' aċetat mhux idrolizzati u kemm jekk le	1.1.-31.12.	18 000 tunnellata	0 %
09.2616	ex 3910 00 00	30	Polidimetilsilossan bi grad ta' polimerizzazzjoni ta' 2 800 unità monomerika (± 100)	1.1.-31.12.	1 300 tunnellata	0 %
09.2816	ex 3912 11 00	20	Frak tal-aċetat taċ-ċellulożju	1.1.-31.12.	75 000 tunnellata	0 %
09.2641	ex 3913 90 00	87	Jaluronat tas-sodju, mhux sterili, b': — piż molekulari medju (Mw) ta' mhux iktar minn 900 000, — b'livell ta' endotossin li ma jaqbiżx 0,008 unitajiet ta' Endotossin (EU)/mg, — b'kontenut ta' etanol li ma jaqbiżx 1 % bħala piż, — b'kontenut ta' isopropanol li ma jaqbiżx 0,5 % bħala piż	1.1.-31.12.	200 kg	0 %
09.2661	ex 3920 51 00	50	Folji ta' polimetilmetakrilat li jikkonformaw ma' — EN 4364 (MIL-P-5425E) u DTD5592 A, jew — EN 4365 (MIL-P-8184) u DTD5592 A	1.1-31.12	100 tunnellata	0 %
09.2645	ex 3921 14 00	20	Blokk ċellulari ta' ċelluloża riġenerata, mimlija bl-ilma li fih il-klorur tal-manjesju u komposti tal-ammonju kwaternarji, b'kejl ta' 100 ċm (± 10 ċm) × 100 ċm (± 10 ċm) × 40 ċm (± 5 ċm)	1.1-31.12	1 300 tunnellata	0 %

## ▼ M6

Numru tas-Serje	Kodiċi NM	TARIC	Deskrizzjoni	Perjodu tal-kwota	Volum tal-kwota	Dazju fuq il-kwota (%)
09.2818	ex 6902 90 00	10	Briks li jirreżistu s-sħana — b'xifer twil iktar minn 300 mm u — b'kontenut f'piż ta' TiO <sub>2</sub> ta' mhux aktar minn 1 % u — b'kontenut ta' Al <sub>2</sub> O <sub>3</sub> ta' mhux iktar minn 0,4 % skont il-piż u — b'varjazzjoni fil-volum ta' anqas minn 9 % f'1 700 °C	1.1.-31.12.	75 tunnellata	0 %
09.2628	ex 7019 52 00	10	Xibka tal-ħġieġ minsuġa minn fibri tal-ħġieġ miksija bil-plastik, b'piż ta' 120 gm/m <sup>2</sup> (± 10 gm/m <sup>2</sup> ), ta' tip li jintuża fl-iskrins ta' kontra n-nemus, li għandhom qafas fiss u li jistgħu jitgerrbu	1.1.-31.12.	3 000 000 m <sup>2</sup>	0 %
09.2799	ex 7202 49 90	10	Ferro-kromju li fih 1,5 % jew aktar iżda mhux aktar minn 4 % tal-piż f'karbonju u mhux aktar minn 70 % ta' kromju	1.1.-31.12.	50 000 tunnellata	0 %
09.2629	ex 7616 99 90	85	Manku teleskopiku tal-aluminju għall-użu fil-manifattura tal-bagalji <sup>(1)</sup>	1.1.-31.12.	800 000 unità	0 %
09.2763	ex 8501 40 80	30	Mutur kommutatur tal-elettriku AC, monofażi, b'rendiment ta' aktar minn 750 W, u input enerġetiku ta' aktar minn 1 600 W imma mhux aktar minn 2 700 W, dijametru estern ta' aktar minn 120 mm (± 0,2 mm) imma mhux aktar minn 135 mm (± 0,2 mm), b'rata ta' veloċità ta' aktar minn 30 000 rpm imma mhux aktar minn 50 000 rpm, mġhammar b'ventilatur għall-ajra, għall-użu fil-produzzjoni tal-vacuum cleaners <sup>(1)</sup>	1.1.-31.12.	2 000 000 unità	0 %
09.2642	ex 8501 40 80	40	Assemblaġġ, li jikkonsisti f' — mutur kommutatur tal-elettriku AC, monofażi, b'rendiment ta' 480 W jew aktar, iżda mhux aktar minn 1 400 W, u saħħa tal-input ta' aktar minn 900 W imma mhux aktar minn 1 600 W, dijametru estern ta' aktar minn 119,8 mm imma mhux aktar minn 135,2 mm u b'veloċità ratata ta' aktar minn 30 000 rpm imma mhux aktar minn 50 000 rpm, u — ventilatur għad-dħul tal-arja, għall-użu fil-manifattura tal-vacuum cleaners <sup>(1)</sup>	1.1.-31.12.	120 000 unità	0 %
09.2633	ex 8504 40 82	20	Rettifikatur tal-elettriku, b'kapaċità ta' mhux aktar minn 1 kVA, biex jintuża fil-manifattura ta' apparat li jneħħi x-xaġħar <sup>(1)</sup>	1.1.-31.12.	4 500 000 unità	0 %
09.2643	ex 8504 40 82	30	Bords għall-provvista tal-enerġija għall-użu fil-manifattura ta' oġġetti li jaqgħu taħt l-intestatura 8521 u 8528 <sup>(1)</sup>	1.1.-31.12.	1 038 000 unità	0 %
09.2620	ex 8526 91 20	20	Muntaġġ għal sistema tal-GPS li għandha l-funzjoni li tiddetermina pożizzjoni	1.1.-31.12.	3 000 000 unità	0 %



## ▼ M6

Numru tas-Serje	Kodiċi NM	TARIC	Deskrizzjoni	Perjodu tal-kwota	Volum tal-kwota	Dazju fuq il-kwota (%)
09.2003	ex 8543 70 90	63	Ġeneratur tal-frekwenzi kkontrollat bil-vultaġġ, li jikkonsisti f'elementi attivi u passivi mmuntati fuq ċirkwit stampat, miżmum f'qafas b'dimensjonijiet esterni ta' mhux iktar minn 30 x 30 mm	1.1.-31.12.	1 400 000 unità	0 %
09.2635	ex 9001 10 90	20	Fibri ottiċi għall-manifattura tal-kejbils magħmulin mill-fibri tal-ħġieġ taħt l-intestatura 8544 <sup>(1)</sup>	1.1.-31.12.	3 300 000 km	0 %
09.2631	ex 9001 90 00	80	Lentijiet, priżmi u elementi nkullati għall-użu fil-manifattura ta' prodotti tal-kodċijiet NM 9002, 9005, 9013 10 u 9015 <sup>(1)</sup>	1.1.-31.12.	5 000 000 unità	0 %

<sup>(1)</sup> Is-sospensjoni tad-dazji hija soġġetta għall-Artikoli 291 sa 300 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 (ĠU L 253 11.10.1993, p. 1).

<sup>(2)</sup> Madankollu, il-miżura mhix permessa meta l-ipproċessar isir mill-impriżi tal-catering jew li jbigħu bl-imnut.